A.L. 152 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali", u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

A.L. 111 ta' l-1992.

Sostituzzjoni tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"4. Id-Direttur tal-Mużewijiet jista' joħroġ lil grupp ta' ħamsa minn nies jew iżjed, biljetti tad-dħul komprensivi għall-aċċess fil-mużewijiet u monumenti kollha barra mill-Ipoġew ta' Ħal-Saflieni, Raħal Ġdid. Dawn il-biljetti komprensivi jkunu:

(a) validi għal ġurnata waħda u jagħtu d-dritt ta' dħul f'dik il-ġurnata għal numru illimitat ta' mużewijiet u monumenti bil-ħlas ta' lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1.50) mingħand kull persuna ta' sittax-il sena jew aktar u ta' erbgħin ċenteżmu (40c) mingħand kull persuna taħt is-sittax-il sena;

(b) validi għal ġimgħa u jagħtu d-dritt ta' dħul matul dik il-ġimgħa għal mhux aktar minn għaxar mużewijiet u monumenti bil-ħlas ta' erba' liri Maltin (Lm4) mingħand kull persuna ta' sittax-il sena jew aktar u ta' lira Maltija (Lm1) mingħand kull persuna ta' taħt is-sittax-il sena.".

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-partita "L-Oratorju tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, Valletta" għandha titħassar.